31988D0124

8.3.1988 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 62/32

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tal-21 ta' Jannar 1988
li tistabbilixxi ċ-ċertifikati mudell tar-razza għall-isperma u embrijuni ta' l-annimali bovini ta' razza pura għar-refgħa u l-partikularitajiet li għandhom jiddaħħlu fihom

(88/124/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 77/504 tal-25 ta' Lulju 1977 dwar annimali bovini ta' razza pura għar-refgħa [1] kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 [2], u partikolarment l-Artikolu 5 u l-ħames inċiż ta' l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 77/504/KEE, hi l-Kummissjoni li tistabilixxi, skond il-proċeduri imniżżla fl-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva, li l-kampjun attestat li jakkommpanja s-*semen* u l-embrijoni ta' trobbija ta' annimali ta' razza pura ta' li l-ispeċi bovini meta jidħlu fl-intra-Kummerċ Komunitarja;

Billi, skond il-ħames inċiż ta' l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva msemmija fuq, sta għall-Kummissjoni li tistabbilixxi, skond il-proċedura stabbilita fl-Arikolu 8 ta' dik id-Direttiva, il-partikolaritajiet li għandhom jidhru fl-attestat li jakkumpanja l-isperma u l-embrijuni ta' l-annimali bovini ta' razz pura għar-refgħa meta jidħlu fil-kummerċ intra-kommunitajru;

Billi dawk iċ-ċeritifkati jistgħu ma jsirux diment li l-partikolarijiet li hemm imsemmija f'din id-Deċiżjoni jkunu diġà qedin f'dokumentazzjoni ta' riferenza li jirreferu għall-isperma jew embrijuni ta' l-annimali bovini tar-razza pura għar-refgħa li jidħlu fil-kummerċ intra-komunitarju;

Billi l-mudell u l-partikolaritajiet li għandhom jidhru fiċ-ċertifikat ta' annimali bovini ta' razza pura għar-refgħa huma diġà stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 86/404/KEE [3]; billi d-*data* dwar annimali bovini għandhom ikunu nklużi f'dawk dwar sperma u ova fertilizzati;

Billi l-miżuri li hemm ipprovdut għalihom f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti taż-Zooteknika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Il-partikolaritajiet segwenti jridu jkunu msemmija fl-attestat ta' l-isperma ta' l-annimali bovini ta' razza pura:

— Data aġġornata kif elenkata fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 86/404/KEE dwar il-barri li jipprovdi l-isperma kif ukoll l-grupp tad-demm tiegħu,
— informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' l-isperma, id-data ta' meta ttieħdet u l-ismijiet u l-indirizzi taċ-ċentru ta' ġbir ta' l-isperma u ta' min se jirċevih.

L-Artikolu 2

1. Il-partikolaritajiet segwenti jridu jissemmew fl-attestat tar-razz ta' l-embrijun ta' l-annimali bovini ta' razza pura għar-refgħa

— Data aġġornata kif elenkata fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 86/404/KEE dwar il-baqra donatriċi u l-barri li jiffertilizza kif ukoll il-grupp tad-demm tagħhom it-tnejn,
— informazzjoni li tippermetti li jiġu identifikati l-embrijuni, id-data ta' l-inseminazzjoni, u l-ismijiet u l-indirizzi taċ-ċentru ta' ġbir ta' l-embrijuni u ta' dak li jirċievi.

2. Jekk hemm iktar minn embrijun wieħed fl-istess *straw* dan għandu jissemma b'mod ċar u wkoll għandhom ikollhom l-istess ġenituri.

L-Artikolu 3

Il-partikolaritajiet li hemm ipprovdut għalihom fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu indikati:

1. fil-forma ta' l-attestat ta' razza li jikkonforma mal-mudell li hemm fil-Kapitolu 1 ta' l-Anness 1, u f'forma ta' dokument li jikkonforma ma' dak li hemm fil-Kapitolu 2 ta' l-Anness 1;

2. fid-dokumentazzjoni li takkumpanja l-isperma. F'dan il-każ l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jesporta għandhom jiċċertifikaw li l-partikolaritajiet stipulati fl-Artikolu 1 huma indikati f'dawk id-dokumenti, bil-formula segwenti:

"Is-sottoskritt jiċċertifika illi dawn id-dokumewnti għandhom il-partikularitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/124/KEE."

[1] ĠU L 206, tat-12.8.1977, p. 8.
[2] ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.
[3] ĠU L 233, ta' l-20.8.1986, p. 19.

L-Artikolu 4

Il-partikolaritajiet li hemm ipprovdut għalihom fl-Artikolu 2 jistgħu jiġu indikati:

1. f'forma ta' ċertifikat ta' razza li jikkonforma mal-mudell li hemm fil-Kapitolu 1 ta' l-Anness 2, u fil-forma tad-dokument li jikkonforma mal-mudell li hemm fil-Kapitolu 2 ta' l-Anness 2;

2. fid-dokumentazzjoni li jakkumpanja l-embrijuni. F'dan il-każ l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jesporta jrid jiċ-ċertifika illi l-partikolaritajiet stipulati fl-Artikolu 2 jinsabu f'dawk id-dokumenti, fil-formula segwenti:

"Is-sottoskritt jiċċertifika li dawn id-dokumenti għandhom fihom il-partikolaritajiet imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/124/KEE."

L-Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Jannar 1988.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

L-ANNESS 1

IL-KAPITOLU I

ĊERTIFIKAT TA' RAZZA MUDELL

għall-kummerċ intra-komunitarju fi sperma ta' barrin ta' l-annimali bovini ta' razza pura għar-refgħa

Korp li johroġ: .....

Isem il-ktieb tal-merħla: .....

In-numru tad-dahla fil-ktieb tal-merħla: .....

Sistem ta' identifikazzjoni (tabella, tattoo, marka, mark fuq il-widna, sketch card): .....

.....

Isem ta' l-annimal:(fakoltattiv) .....

Data tat-twelid: ..... Razza: .....

Isem u indirizz ta' min irabbi: .....

Isem u indirizz tas-sid: .....

Missier	Nannu	Nanna
Numru fil-ktieb tal-Merħla	Numru fil-ktieb tal-Merħla	Numru fil-ktieb tal-Merħla .....

Razza:

Omm	Nannu	Nanna
Numru fil-Ktieb tal-Merħla	Numru fil-Ktieb tal-Merħla	Numru fil-Ktieb tal-Merħla .....

Grupp tad-Demm: .....

Ir-riżultati aġġornati tat-testijiet ta' performance riżultati aġġornati bl-oriġini ta' l-assessjar tal-valur ġenetiku fuq l-annimali, il-ġenituri u n-nanniet.

Magħmul f' ..... fi .....

.....

(Firma)

ISEM B'ITTRI KAPITALI U L-KARIGA TAL-FIRMATARJU

.....

IL-KAPITOLU 2

DOKUMENT MUDELL DWAR L-ISPERMA

Sistema ta' identifikazzjoni (kulur, numru): .....

Identifikazzjoni: .....

A.

Numru ta' doži	Data(i) ta' ġbir	Identifikazzjoni ta' l-annimal donatur	Razza

B.

Oriġini ta' l-isperma:

Indirizz taċ-ċentru(i) ta' ġbir ta' l-isperma: .....

.....

Destinazzjoni ta' l-isperma:

Isem u indirizz ta' min jirċievi: .....

.....

Magħmul f' ..... fi .....

.....

(Firma)

ISEM B'ITTRI KAPITALI U L-KARIGA TAL-FIRMATARJU

.....

L-ANNESS 2

IL-KAPITOLU I

ĊERTIFIKAT MUDELL TAR-RAZZA

għall-kummerċ intra-komunitarju f'embrijuni ta' l-annimali bovini ta' razza pura għar-refgħa

A. Partikularitajiet tal-barri donatur:

Korp li joħroġ: .....

Isem tal- ktieb tal-merħla: .....

Numru tad-dħul fil-ktieb tal-merħla: .....

Sistema ta' identifikazzjoni (tikketta, tattoo, marka, mark tal-widna, sketch card: .....

.....

Isem ta' l-annimal: (fakoltattiv) .....

Data tat-twelid: ..... Razza: ..... Sess: .....

Isem u indirizz ta' min irabbi: .....

Isem u indirizz tas-sid: .....

Missier	Nannu	Nanna
Numru fil-ktieb tal-merħla	Numru fil-ktieb tal-merħla	Numru fil-ktieb tal-merħla .....

Razza:

Omm	Nannu	Nanna
Numru fil-ktieb tal-merħla	Numru fil-ktieb tal-merħla	Numru tal-ktieb tal-Merħla .....

Grupp tad-demm: .....

Ir-riżultati aġġornati tat-testijiet ta' performance u riżultati aġġornati bl-oriġini ta' l-assessjar tal-valur ġenetiku tal-barri donatur, il-ġenituri u n-nanniet.

B. Partikularitajiet dwar baqra donatriċi:

Korp li jistabilixxu: .....

L-isem tal-ktieb tal-merħla: .....

Numru tad-daħla fil-ktieb tal-merħla:

Sistema ta' identifikazzjoni (tikketta, tattoo, marka, marka tal-widna, sketch card: .....

.....

Identifikazzjoni .....

Isem ta' l-Annimal: (fakoltattiv) .....

Data tat-twelid: ..... Razza: ..... Sess: .....

Isem u indirizz ta' min irabbi: .....

Isem u indirizz tas-sid: .....

Missier	Nannu	Nanna
Numru tal-ktieb tal-merħla	Numru tal-ktieb tal-merħla	Numru tal-ktieb tal-merħla .....

Razza:

Omm	Nannu	Nanna
Numru tal-ktieb tal-merħla	Numru tal-ktieb tal-merħla	Numru tal-ktieb tal-merħla .....

Grupp tad-demm: .....

Ir-riżultati aġġornati tat-testijiet ta' performance u riżultati aġġornati bl-oriġini ta' l-assessjar tal-valuri ġenetiċi fuq il-barri donatur u l-ġenituri u n-nanniet tiegħu.

Magħmul f'..... fi .....

.....

(Firma)

ISEM B'ITTRI KAPITALI U L-KARIGA TAL-FIRMATARJU

.....

IL-KAPITOLU 2

DOKUMENT MUDEL DWAR L-EMBRIJU(NI)

Sistema ta' identifikazzjoni ta' l-embrijuni (numru, kulur): .....

Identifikazzjoni: .....

Numru ta' ova f'kull straw: .....

A.

Numru ta' embrijuni	Data(i) ta' inseminazzjoni	Data tal-ġbir	Identifikazzjoni tal-baqra donatriċi u tal-barri donatur	Razza

B.

Oriġini ta' l-embriju(ni):

Indirizz taċ-ċentru(i) li jiġbor(ru) l-embrijoni: .....

.....

destinazzjoni ta' l-embriju(ni):

Isem u indirizz ta' min jirċievi: .....

.....

Magħmul f' ..... fi .....

.....

(Firma)

ISEM B'ITTRI KAPITALI U L-KARIGA TAL-FIRMATARJU

.....